Għawdex Qabel ir-Ritratti (34) minn **JOHN CREMONA**

# *Salini, melħ u kummerċ li ma rnexxiex*

F'wieħed mill-ewwel artikli ta' din is-sensiela, propju fis-sitt artiklu kont diġà tkellimt dwar is-salini magħrufa bħala ta' l-Arluġġar fl-inħawi ta' Wied il-Għasri u kont ġibt inċiżjoni li turi l-ġrajja tat-tlugħ ta' kolonna kbira ta' l-ilma u spjegajt għaliex seħħ dan l-avveniment.

Ma' dan l-artiklu qed nippubblika l-inċiżjoni li stampa Jean Houel u li dehret fil-ktieb '*Voyage Pittoresque*' li dwaru tkellimna bosta drabi f'dawn l-artikli. L-inċizjoni hija mqassma f'żewġ partijiet. Fil-parti ta' fuq u li hija l-akbar biċċa, Houel jagħti pjanta tas-salini li ħaffer dan l-arluġġar fuq il-blat wati tal-franka li hemm mal-kosta hekk kif tħalli Triq is-Sagħtrija li miż-Żebbuġ twasslek lejn Wied il-Għasri. Tidher ukoll il-forma tonda tal-bir li ħaffer l-arluġġar biex ikun jista' jtella' l-ilma mill-baħar li jidħol fl-għar li jinstab taħt is-salini. Fil-parti t'isfel, imbagħad, Houel jagħti veduta mill-bogħod tal-blat li fuqu hemm is-salini u xi nies iħarsu mistagħġbin lejn il-kolonna ta' l-ilma baħar tiela' minn ġol-blat. Fil-bogħod tidher l-għolja tal-Ġurdan li kienet għadha mingħajr il-fanal mibni mill-Ingliżi fl-1851.




Houel, li fit-tagħrif li ġabar qagħad ħafna fuq ir-rakkonti tan-nies li ltaqa' magħhom jgħid li dawn l-avvenimenti ġraw xi tlettax jew erbatax-il sena qabel kiteb dan ir-rakkont fl-1788. Meta l-arluġġar ħaffer is-salini huwa mliehom billi beda jtella' l-ilma baħar mill-bir li ħaffer fil-blat permezz ta' mitħna mdawra minn ħmar. Houel jgħid li tant kien konvint minn dan il-proġett li l-arluġġar qabbad numru ta' rġiel biex f'qasir żmien qattgħulu s-salini u ħaffef jimliehom bl-ilma baħar biex f'qasir żmien jibda jiġbor il-melħ. Hawn ser inħalli r-rakkont għall-pinna ta' Houel innifsu li naħseb li rrakkontaha kif semagħha min-nies tal-lokal; " *...huwa mela s-salini, u minn żmien għal żmien kien imur biex jara l-effett ta' l-evaporazzjoni; għall-ewwel innota li l-ilma fis-salini kien qiegħed jonqos u għaġġel jerġa' jimlihom għaliex ħaseb li b'hekk kien ser jirdoppja l-ammont ta' melħ li kien sejjer jiġbor. Imma immaġinaw kif baqa' miblugħ meta fl-aħħar ittenda li l-ilma kien qed jonqos mhux għaliex kien qiegħed jevapora imma għaliex kien qed jinxtorob mill-blat.....Kien wara ħafna żmien li ttenda b'dak li kien qiegħed jiġri u kien biss meta pprova jiġbor il-melħ li ttenda b'dak li ġara. Fil-qiegħ tas-salini, il-blat artab tal-franka inħall bl-azzjoni tal-melħ, u rnexxielu jiġbor biss speċi ta' tajn. Dan il-falliment, mhux biss għaliex il-pjanijiet tiegħu sfaxxaw imma wkoll għaliex kien nafaq flusu kollha fuq din l-impriża, wassluh biex waqa' f'marda li wasslitu sal-mewt*".

Biex tagħqad inqala' l-maltemp li kellu l-effetti li rrakkontajt fl-ewwel artiklu. Insomma kien proġett li falla u li falla bil-kbir. In-nies tal-lokal kienu jagħmlu minn kollox biex isoddu l-bir ta' l-arluġġar imma l-qilla tal-baħar kienet twaqqa' l-ġebel li jkunu soddewh bihom u l-kolonna ta' l-ilma kienet terġa' titla' mill-ġdid. Houel jgħid li meta kien Għawdex fl-1777, kienu għadhom kif saddew il-bir għat-tielet darba u kien hemm biża' kbir li ma kienx ser jgħaddi wisq żmien qabel jerġa' jinfetaħ.

L-inċiżjoni hija intitolata *Cases de la Saline de l'Orloger* u *Vue de la Gerbe qu' 'a produit le puis de la saline de l'orloger, dans l'Isle du Goze* u huma mmarkati bħala Pl. CCLII. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 347 x 240 mm.